MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 563/2003

**Percius Car Hire Limited**

**Vs**

**Martin Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120), bilanc fuq kirja ta' vettura da parti tal-konvenut minghand is-socjeta attrici kif ukoll kumpens ghal multi li kellha thallas is-socjeta attrici ghan-nom tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha ta' l-avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------